MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Numru. 624/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**JOSEPH MARY CARDONA bin Saviour u Mary Doris nee' Ciappara, imwieled Qormi fit-12 ta' April 1968 u residenti St. Joseph Farmhouse, Tal-Hrieri l/o Tas-Siggiewi dententur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 207668(M)**

**u**

**CHRISTIAN CARDONA, bin Joseph Mary u Josephine nee' Vella imwieled fl-20 ta' Lulju 1988 gewwa l-Pieta' u residenti St. Joseph Farmhouse, Tal-Hrieri l/o Tas-Siggiewi detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 348888(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Joseph Mary Cardona u Christian Cardona akkuzati talli fit-22 ta' Lulju 2007 gewwa Zebbug (Malta) ghal habta tas-6:20p.m.:

Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm500 (Lm1136) meta ghamlu hsara volontarja fuq il-vettura CAH 154 ghamla Mercedes ghad-detriment ta' Joseph Borg.

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw feriti hfief fuq il-persuna ta' Owen Borg skond kif iccertifika Dr. T. Armatys M.D. ta'l-isptar San Luqa.

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-imsemmi Owen Borg sabiex jingurjawh, idejjquh jew jaghmlulu hsara.

3. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' Joseph Borg u Owen Borg.

4. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

5. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja tal-24 ta' Lulju 2007.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi dana l-incident sfortunat kellu l-origini tieghu minn preokupazzjoni genwina ta' missier dwar fejn kienet bintu Silvianne, li harrget kmieni fil-ghodu u baqghet wara certu hin twil ma irritornatx lejn id-dar u dana minghajr ma dina t-tifla kellha id-dicenza tavza lil missierha li kienet ser tiddawwar. L-imputat Joseph Mary Cardona kien preokkupat hafna meta ma setax jirintracca lil bintu u beda jithasseb illi kien sehh xi haga hazina. B'hekk iktar ma beda jghaddi il-hin it-tensjoni fih aktar bdiet tikber, tant illi fl-ahhar huwa spicca hareg ifittex lil bintu akkumpanjat minn ibnu l-imputat Christian u habib iehor tal-famlja. Sar rapport fl-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi u fil-fatt l-Ispettur Marisa Camilleri ghamlet kuntatt mat-tifla bit-telefon cellulari u qaltilha sabiex tirraporta minnufih l-ghassa. Izda dina t-tifla baghqet ma irritornatx u meta l-ispettur regghet ippruvat taghmel kuntatt maghha, ma irnexxiliex.[1] Irrizulta illi bint l-imputat Joseph Mary Cardona, li fiz-zmien dana l-incident kellha biss erbatax-il sena, kienet fil-kumpanija ta' Owen Borg, il-parti leza, li huwa guvni ikbar minnha fl-eta' u dana *ad insaputa* ta' missierha. Fil-fatt hija kienet harget mid-dar sabiex tiltaqa' ma' dana il-guvni u dana minn wara dahru. Aktar tard matul il-jum tat-22 ta'Lulju, it-tifla tfaccat u talbet lill-familjari taghha sabiex imorru jiltaqghu maghha hdejn il-bar bl-isem Hunters gewwa Haz Zebbug. Fil-fatt l-imputati hekk ghamlu u sabu lil Silvianne qieghda tistenniehom u haduha lejn id-dar.

Minn dana il-mument 'il quddiem l-partijiet involuti f'dana l-incident ma jaqblux fuq il-verzjoni tal-fatti. Dana qed jinghad ghaliex filwaqt illi Owen Borg jikkontendi illi l-imputati u certu Kenneth Saliba marru jfittxuh fir-razzett u r-raba tal-familja tieghu gewwa Haz Zebbug u hemmhekk aggredewh u anke ikkagunaw hsara fil-vettura ta' missieru, l-imputati minn naha taghhom jichdu dana kollu.

Illi Owen Borg xehed quddiem dina l-Qorti fl-10 ta' Settembru 2007[2] fejn stqarr illi fil-gurnata in kwistjoni huwa gie avvicinat mill-imputati li gharafhom fl-awla u

[1] Ara xhieda Spettur Marisa Camilleri a fol.17
[2] Ara xhieda Owen Borg a fol.43 et. seq.

persuna ohra li jikkontendi izda li ma ghamillu xejn. Huma wasslu fuq il-post rekbin fuq Toyota hamra. Jikkontendi illi l-imputati it-tnejn hebbew ghalih u bdew isawwtuh bic-crieket. Jiftakar illi fil-pussess taghhom huma kellhom ukoll sikkina li kienet f'idejn l-imputat Joseph Mary Cardona. Ighid illi storda u telaq jigri fid-direzzjoni tal-eghlieqi. Madanakollu meta huwa hares lura biex jara jekk kenux telqu ighid illi rahom qeghdin iwaddbu xi gebel fid-direzzjoni tal-vettura Mercedes ta' missieru, tant illi meta mar lura sab il-karozza imkissra. Kien hemm hsara fil-*windscreen*, *dashboard*, *indicator*, *bumper*, hgiega u s-saqaf. F'dana ir-rigward gew esebiti tlett dokumenti dwar il-valur tal-hsara sofferta minn fejn jirrizulta illi l-hsara tammonta ghal Lm1615.[3] Illi l-parti leza Owen Borg gie iccertifikat minn Dr. Thomas Armatys illi kien qieghed isofri minn griehi ta' natura hafifa u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta'l-istess tabib u mic-certifikat mediku rilaxxjat minnu.[4]

Illi fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija, iz-zewg imputati jichdu katergorikament l-involviment taghhom f'dana l-incident u addirittura jichdu illi f'xi hin huma kienu fuq il-post fejn sehh dana l-allegat reat.[5] Illi l-pulizija interrogat ukoll lil Kenneth Saliba fejn huwa ta l-istess verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg imputati.[6]

Illi huwa biss l-imputat Joseph Mary Cardona illi ghazel li jixhed matul dawn il-proceduri. Illi fil-kors tax-xhieda tieghu, kuntrarjament ghal dak li jghid fl-istqarrija tieghu, huwa jammetti illi wara li kien sab lit-tifla u hadha lura d-dar, huwa rega hareg ifittex lil Owen Borg u dana "sabiex nara ghalfejn kien seraqli t-tifla tieghi."[7] Ikompli jghid illi l-mod kif wiegbu dana Borg ma ghogbux u ghalhekk huwa ireagixxa u jammetti illi f'dana il-mument xejjirlu daqqa ta' ponn. Cardona jkompli jsostni illi mar ifittex lil Borg wahdu bil-vettura tal-ghamla Toyota hamra. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax temmen illi l-imputat Joseph Mary

---

[3] Ara Dokument JM1, JM10 u JM11

[4] Ara Dokument JM2 u xhieda tat-tabib a fol. 47 et.seq.

[5] Ara stqarrijiet a fols. 24 Dokument JM3 u a fol.26 Dokument JM4.

[6] Ara stqarrija Kenneth Saliba a fol.28 Dokument JM5

[7] Ara xhieda Joseph Mary Cardona in kntro-ezami a fol.98

Cardona kien wahdu, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-vettura tal-ghamla Toyota hamra hija ta' Kenneth Saliba u mhux ta' xi wiehed mill-imputati. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Owen Borg hija iktar verosimili u kredibbli.

Il-Qorti tista' tifhem l-animu ta'l-imputat Joseph Mary Cardona u cioe' l-preokupazzjoni ta' missier li ma jistax jirintraccja lil bintu ta' erbatax-il sena u dana ghal diversi sighat. Isir jaf illi hija kienet ser tahrab ma' guvni li huwa ikbar minnha fl-eta'. Meta jsibha huwa jmur ifittex lil dina l-persuna li kienet fil-kumpanija ta' bintu sabiex iwissieh biex ma jersaqx lejn bintu li hija tifla taht l-eta'. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien irrabbjat u bir-ragun! Izda huwa eccedda l-limitu tal-komportament mistenni minn bniedem adult u spicca bir-rabbja refa' idejh fuq Borg u anke ikkagunalu hsara fil-vettura tieghu.

Illi d-difiza tikkontendi illi r-reazzjoni ta'l-imputat ma kenitx hlief il-frott ta'l-agir provokatorju min-naha ta' Borg u dana meta huwa "seraq" lil bintu. Illi l-element tal-provokazzjoni huwa inkwadrat fil-proviso ghall-artikolu 325 li jitkellem dwar il-hsara volontarja, fejn jinghad:

***"Izda meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta, il-hati jehel, fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c), il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena imsemmija; u fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (d) il-piena tal-kontravenzzjonijiet. … Meta tigi biex titqies l-iskuza ghandha tithares ir-regola fl-artikolu 235."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Agius (deciza 05.03.1993) inghad is-segwenti:

**"…. Dana ifisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325, mhux limitata jew arginata b'xi**

**kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 u 230 tal-Kodici Kriminali. L-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak gia imsemmi ta'l-artikolu 235." Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma'l-attenuanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta'l-artiklu 62 tal-Kodici Penali Taljana jghid hekk:**

***"La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionato al fatto ingiusto. (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)".***

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li jsawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi l-Qorti f'dana il-kaz ma tistax taqbel ma' dina l-linja difenzjonali ta'l-imputat. Illi mill-provi akkwiziti ma jirrizultax illi dana kien il-kaz ta' xi provokazzjoni ingusta. Huwa minnu illi l-imputat Joseph Mary Cardona kien irrabbjat ghal Borg, izda wiehed ma jistax ighid illi Borg b'xi mod ipprovoka lill-imputat fil-mument illi sehhew ir-reati li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat. Kieku kien il-kaz illi waqt illi l-imputat kien qed ifittex lil bintu huwa sabha fil-kumpanija ta' dana Borg u f'dak il-mument huwa irreagixxa b'mod istantanju, dina l-iskuzanti setghet tkun applikabbli, izda f'dana il-kaz kien l-imputat illi mar appozitament ifittex lil Borg u dana wara li kien ghadda certu hin. Fil-fatt huwa stess jghid illi wara li gabar lil bintu minn hdejn il-Hunters Bar f'Haz Zebbug, hadha lejn id-dar. Wara dana jghid illi mar jghalef lill-annimali fir-razzett tieghu. Kien biss wara dana il-hin illi huwa mar ifittex lil

Borg fir-razzett tal-familja tieghu f'Haz Zebbug. Illi dana l-agir ma issarrafx ruhu fl-iskuzanti tal-provokazzjoni. L-imputat kellu hin bizzejjed biex jahseb fuq l-azzjonijiet tieghu u kienet decizjoni mahsuba wara certu hin meta huwa mar jaffronta lil Borg ghal dak li kien ghamel ma' bintu. Illi ghaldaqstant l-ewwel tlett akkuzi gew ampjament ippruvati.

Illi dwar l-ewwel akkuza tal-hsara volontarja mill-provi jirrizulta, liema provi ma humiex kontestati, illi l-hsara ikkagjonata tammonta ghal Lm1615 u cioe' ghall-ammonti indikati minn Philip Attard a fol. 22 tal-process u Lm20 ohra drittijiet li thallsu lill-istess Surveyor.

Illi l-ahhar tlett akkuzi huma ta' natura kontravenzjonali u ghalkemm l-akkuza dwar il-ksur tal-paci pubblika hija ippruvata, l-istess ma jistax jinghad ghar-rigward taz-zewg akkuzi l-ohra u cioe' dwar l-akkuzi tal-vjolazzjoni tal-proprjeta u tad-dagha fil-pubbliku. Illi Owen Borg fix-xhieda tieghu ghalkemm jghid illi l-imputati marru vicin ir-razett u l-eghlieqi tal-familja tieghu, madanakollu ma jindikax ezattament fejn kienu l-imputati u fejn kienet il-karozza ta' missieru li fuqha saret l-hsara. Fl-istess xhieda Owen Borg ma jindikax x'diskors sar bejnu u bejn l-imputati u ghalhekk l-anqas l-akkuza dwar id-dagha ma giet ippruvata. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat minn dawn l-akkuzi.

Illi fir-rigward ta'l-imputat Christian Cardona, ghalkemm l-istess imputat fl-istqarrija jichad illi avvicina lil Borg, madanakollu l-Qorti ma temmnux. Kif diga gie sottolinjat il-Qorti temmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Owen Borg u ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat Christian Cardona flimkien ma' Kenneth Saliba akkumpanjaw lill-imputat l-iehor Joseph Mary Cardona meta huwa mar ikellem lil Borg gewwa Haz Zebbug. Fil-fatt jiirrizulta illi huma accedew fuq il-post bil-vettura ta'l-istess Saliba Toyota hamra. Illi Owen Borg fix-xhieda tieghu jgharaf kemm lil Christian Cardona kif ukoll lil Joseph Mary Cardona li aggredewh u li iktar tard rahom iwaddbu xi gebel fuq il-vettura tieghu. Illi minn dana kollu ma hemmx dubbju illi l-imputat Christian Cardona kien komplici fil-

kummissjoni ta’ dawn ir-reati u dana referibbilment ghall-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi fir-rigward ta’l-ahhar tlett akkuzi, l-istess jista’ jinghad ghall-imputat Christian Cardona u cioe’ illi r-raba u l-hames akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati u li tista’ tinstab htija biss fir-rigward ta’l-ahhar akkuza dwar il-ksur tal-paci pubblika.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti thoss illi ghandha tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi partikolari li fih sehh dana l-incident. L-imputat Joseph Mary Cardona bhala kull missier iehor kien inkwetat ghal bintu li fiz-zmien tal-kummissjoni ta’ dawn ir-reati kellha biss erbatax-il sena u ghalkemm l-Qorti ma tistax taqbel ma’l-agir tieghu madanakollu tifhem illi huwa kien qieghed jagixxi meta kien fi stat ta’ agitazzjoni u rabbja ghal dak kollu li kien sehh. Zbalja imbaghad ghat-tieni darba meta mhux biss mar ghas-sodisfazzjoni, izda kaxkar lil ibnu Christian mieghu u dahhlu fl-inkwiet ukoll. Illi min-naha tieghu l-vittma ta’ dan ir-reat Owen Borg messu kien jaf ben tajjeb illi Silvianne kienet tifla taht l-eta u li ghalhekk messu kellu id-dicenza jgharraf lill-genituri taghha dwar il-fatt illi t-tifla kienet fil-kumpanija tieghu u li kien ser jehodha lura d-dar f’qasir zmien.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat lartikoli 325(1)(a), 221, 338(dd), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati mir-raba u il-hames akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, issibhom hatja ta’l-ewwel, it-tieni, it-tielet u il-hames akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkomettu reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberta’ kondizzjonata.

Finalment b’applikazzjoni ta’l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tordna lil hatja ihallsu *in solidum* bejniethom is-somma ta’ Lm1615 lil Joseph Borg bhala hsara ikkagjonata fil-vettura tal-ghamla Mercedes

bin-numru ta' registrazzjoni CAH154 u dana fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------